MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 520/2007

Salv Bezzina & Sons Limited
vs
Paul Borg

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Oscar Delia ghas-socjeta` rikorrenti li bih espona:

1. Illi permezz tal-kuntratt notarili tas-6 ta’ Marzu 1972 pubblikat min-nutar Joseph Spiteri s-socjeta` rikorrenti xtrat u akkwistat minghand Alfred u Carmelo Calleja zewg terzi indivizi tas-subdirett dominju annwu u perpetwu ta’ Lm465.4s ekwivalenti ghalhekk ghal-Lm310.2s. 4d, illum is-somma ta’ Lm310.11 imposti fuq u gravanti l-ghalqa fil-limiti ta’ San Giljan, fil-kontrada ta’ Misrah Guma sive Ta’ Sant Andru, sive Ta’ Zanu.

2. Illi l-intimat, flimkien ma’ ohrajn, u cioe` flimkien ma’ Generoso Abela u Salvatore Spiteri, in solidum, kienu akkwistaw is-subkoncessjoni enfitewtika tal-imsemmija ghalqa, u ghalhekk kellhom l-obbligu, jew minnhom ghall-pagament tal-imsemmi cens.

3. Illi fil-fatt hadd mis-subkoncessjonarji ma hallas ic-cens dovut lis-socjeta` rikorrenti, fl-ammont ta’ Lm310.11 kull sena sa mill-1 ta’ Awissu 1977 u ghalhekk l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta’ Lm9303.30, li ghalkemm l-intimat gie interpellat sabiex ihallas baqa’ inadempjenti u anzi kien qieghed jallega li ma ghandux ihallas ghajr ghall-ahhar hames snin ghax l-ammont precedenti ghal dak, avolja jaf li mhux imhallas, mhux dovuti ghax huma preskritti.

4. Illi tali eccezzjoni mhix sostenibbli jekk l-intimat ma jiehux il-gurament fit-termini tal-artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili.

5. Illi ghalhekk dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut u l-intimat ma kellux eccezzjonijiet x’jaghti.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza.

2. Tikkundannah ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ Lm9303.30 skond kif fuq spjegat – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali minn kull skadenza sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittri legali tal-06/04/99, 05/07/99, 08/07/99, 08/04/04, 25/07/05, 05/08/05, kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti presentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma deherx ghas-seduta tal-lum u anqas deher hadd ghalih.

Rat l-affidavit ta’ Oscar Delia li ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti li qal li l-avukati tieghu kitbu kemm-il darba lill-intimat biex ihallas izda dan baqa’ ma hallas qatt. Qal li issa l-intimat qed jippretendi li ma jhallas xejn ghax ghadda z-zmien.

Semghet bil-gurament lil Oscar Delia, ***Financial Controller*** tas-socjeta` rikorrenti li qal li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sal-gurnata tal-lum ghadu ma sarx pagament mill-intimat jew xi hadd ghalih.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba rikorrenti tinsab gustifikata u l-Qorti filwaqt li taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili, tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ Lm9303.30.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------